// IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

MARZU 1952

# Preżentazzjoni tal-Premju "Guże' Muscat Azzopardi"

WARA madwar ħames snin minn mindu kien għall-ewwel darba ngħata l-Premju "Gużè Muscat Azzopardi", id-data tat-23 ta' Diċembru tibqa' wkoll imfakkra bħala waħda mid-dati sbieħ meta għar-raba' darba dan il-premju ngħata wkoll lil wieħed mill-iktar Membri qodma u ewlenin tal-"Għaqda", li hu



**Fir-ritratt jidher l-E.T. il-Gvernatur qed jehmeż il-Midalja fuq sider Mons. Kant. Dun Pawl Galea, J.C.D.**

l-Mons. Dun Pawl Galea, u li fil-persuna tiegħu hemm miġbura l-figura ta' l-ewwel ħidma għall-moviment u progress tal-Malti miktub b'dik is-sura xierqa li f'dawn l-aħħar tletin sena tatu xejra letterarja u uffiċjali, u li b'riħitha l-"Għaqda" ħadet isem

bħala dik ix-xirka li fost ix-xirkiet ta' qabilha għexet l-iktar u kellha l-isbaħ riżq fit-tmexxija, progress u twettiq ta' sistema ta' kitba li, kif nittamaw, tibqa' sseħħ għal dejjem.

Iżda dan ir-riżq il-"Għaqda" tafu minn dawk it-tnejn minnies li mill-1912, bi ħsieb hekk xieraq u sabiħ, taħt il-ġwienaħ tal-Protettur tal-Familji tal-Haddiema, fuq il-prinċipji ta' l-Enċiklika "Rerum Novarum" ġewwa d-Dar tal-Għaqda Kattolika, kienu waqqfu l-ewwel ġurnal Malti għal idejn il-ħaddiem Malti miktub b'kitba xierqa sew fil-letteratura tiegħu, kemm fl-ispirtu morali tiegħu, kemm ukoll bħala qari ta' mogħdija tażżmien, fi żminijiet meta l-ewwel fewġiet tal-Komuniżmu fl-Ewropa kienu qegħdin iheddu li jaqilbu l-imħuħ tal-ħaddiem u iġibu taħwid u tfixkil fil-paċi tad-djar u tal-pajjiż.

Dawn it-tnejn min-nies kienu Ġużè Muscat Azzopardi, Direttur tal-ġurnal "Il-Habib", li għadu ħaj taħt l-isem ta' "Leħen Is-Sewwa", u Monsinjur Dun Pawl Galea, magħruf fost il-kittieba tal-"Habib" u ta' "Il-Malti", bħala **Dun Pawl.** Dawn kienu li fil-waqt li waqqfu dan il-ġurnal kienu fetħu triq ġdida għall-moviment ġdid tal-Malti u li b'riħithom nibtu l-ewwel kittieba ta' Malti miktub skond is-sistema tal-"Għaqda", nies bħalma huma Dun Karm, Patri Cuschieri, Sir Temi Zammit, Ġanni Vassallo, l-Avukat Ġużè Micallef, Dun Pietru Pawl Saydon u oħrajn li l-lum jidhru bħala l-ewwel figuri fil-paġni tal-letteratura Maltija tal-lum.

Għalhekk, bir-raġun kollu, wara li wiżnet il-merti ta' dawk li mindu nibtet l-"Għaqda", u qabel ukoll, ħadmu b'xi mod jew ieħor li sewa ta' ġid u fejda u għall-progress tal-Malti, il-Ġurija waqqfet għajnejha fuq il-persuna ta' l-iktar anzjan fost il-proseliti tal-Kitba Maltija tal-lum, — fuq dik il-persuna li, barra mill-merti ta' l-apostolat għall-Għaqda Kattolika fost il-ħaddiema Maltin, u merti oħra ta' benefiċenzi u fondi ta' għajnuna għall-istess ħaddiema, flimkien mal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, li mbagħad laħaq l-ewwel President tal-"Għaqda", kien ukoll fetaħ il-bibien tad-Dar tal-"Għaqda Kattolika" sabiex hemmhekk isiru l-ewwel laqgħat tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Minn dik id-Dar kienu ħarġu l-ewwel numri tar-rivista "Il-Malti", li fihom Mons. Galea, taħt l-isem ta' "Dun Pawl" kien 'l hawn u 'l hinn imlielna xi paġni bil-kitba safja u ħelwa tiegħu.

* * *

Id-data tal-preżentazzjoni tal-Premju "Ġużè Muscat Azzo-

pardi" flok fl-14 ta' Novembru, li hija d-data tat-twaqqif tal-"Għaqda", imħabba xi ċirkustanzi li ma bsarniex bihom, kellha ssir qrib il-festi tal-Milied, jiġifieri, fit-23 ta' Diċembru li għadda.

Iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni ta' dan il-Premju lill-Monsinjur Dun Pawl Galea saret bħas-soltu fl-Università Rjali ta' Malta, iżda flok fil-Librerija, saret fis-Sala l-ġdida ta' l-"Aula Magna", fil-11 ta' fil-għodu.

Għal din iċ-ċerimonja fost il-mistednin kien hemm l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Sir Gerald Creasy u s-Sinjura tiegħu Lady Creasy, kif ukoll l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Metropolita Monsinjur Gonzi; barra minn dawn kien hemm ukoll is-Sinjurija Tiegħu Sir David Callender Campbell, Logutenent Gvernatur, l-Onorabbli A.G. Lowe, Segretarju Legali, u s-Sinjura tiegħu, is-Sur Ugo Muscat Azzopardi u s-Sinjura tiegħu, it-Tabib Ġużè Galea, President tal-"Għaqda" u s-Sinjura tiegħu, is-Sinjura tas-Sur Gino Muscat Azzopardi, il-Fundatur tal-Premju, kapijiet tad-Dipartimenti, rappreżentanti tal-Kleru, tal-Professjonisti u tal-Partiti Politiċi, membri tal-"Għaqda" u Professuri ta' l-Università.

Fetaħ iċ-ċerimonja r-Rev. Prof. Patri Serafin Zarb, O.P., Dekan tal-Fakultà Anzjana fl-Università, li tkellem flok il-Viċi Kanċellier u Rettur ta' l-Università, li ma satax jieħu sehem f'dik iċ-ċerimonja minħabba ħass ħażin. Il-Professur Zarb fisser li l-Università ta' Malta tħossha mkabbra għas-sehem li ħadet f'dik iċ-ċerimonja li fiha qed jiġu magħrufa, imwettqa, u ippremjati l-merti ta' nies li ħadmu għal lsien pajjiżhom. Huwa semma, fost dawk li s'issa kienu ippremjati fiċ-ċerimonji ta' qabel, lill-Monsinjur Dun Pawl Galea li lilu din id-darba stħoqq il-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi" — bniedem li barra milli kien il-ħabib tal-qalb ta' Ġużè Muscat Azzopardi kien wieħed mill-kollaboraturi kbar għat-tixrid tal-Lsien Malti, b'mod partikulari f'"Il-Ħabib", l-organu ta' l-"Unione Cattolica".

Warajh tkellem it-Tabib Ġużè Galea, President tal-"Għaqda", fejn wera illi l-ġieħ li qed jingħata lill-Monsinjur Galea jirrifletti fuqu mhux biss bħala bniedem li ħadem bħala wieħed mill-ewlenin għall-progress tal-Lsien Malti, iżda wkoll bħala bniedem li ħadem għall-ġid ta' l-edukazzjoni ta' ħafna żgħażagħ li l-lum laħqu l-aqwa kariki fil-ħajja soċjali u ekkleżjastika, għall-ġid ta' l-amministrazzjoni tal-Knisja, u tal-Proletarjat, kif ukoll tal-Lingwa Maltija, bħala Rappreżentant tal-Kleru fis-Senat

Malti. Huwa għalhekk l-isbaħ figura li fiha tiġbor il-ħidma l-kbira għall-ġid ta' Art Twelidna, li hija dik, tar-Reliġjon u tal-Lingwa.

Wara għeluq id-diskors tiegħu, il-President tal-"Għaqda" stieden lill-Gvernatur biex jekk jogħġbu jippreżenta l-"Medalja" "Ġużè Muscat Azzopardi" lill-Monsinjur Dun Pawl Galea, rebbieħ tal-Premju. Il-Gvernatur fid-diskors tiegħu, qabel ma jippreżenta l-Medalja, qal illi dik kienet it-tieni darba illi hu kellu l-pjaċir jilqa' l-istedina li saritlu biex jippreżenta l-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi", premju li qed jingħata lil dawk li ħadmu għall-koltivazzjoni ta' l-Ilsien Malti, — ħaġa li huwa jgħożż mhux ftit. Din id-darba lilu mess ukoll il-privileġġ li jippreżenta dan il-Premju lil persuna hekk magħrufa għall-ħidma tagħha f'bosta fergħat li għandhom x'jaqsmu mal-progress edukativ, reliġjuż, soċjali, amministrativ u nazzjonali, fosthom il-progress ta' l-Ilsien Malti. Huwa jifraħ għalhekk lill-Premjat tal-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi", kif ukoll lil dawk kollha li s'issa ħadmu sabiex l-ilsien ta' Art Twelidhom jitmexxa 'l quddiem u jibqa' ħaj u sħiħ fl-istudju u l-letteratura tiegħu.

Wara li tkellem, il-Gvernatur hemeż il-Medalja fuq sider Monsinjur Dun Pawl Galea.

Is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, Uffiċjal tal-Propaganda tal-"Għaqda", f'isem ħuh Ġino, il-Fundatur tal-Premju, li jinsab indispost, qara diskors fejn fisser li meta ħuh Ġino ħoloq u waqqaf dan il-Premju huwa wettaq ix-xewqa li kellu minn żmien ilu li jogħġob u jferraħ lil Missieru, li kieku dan kien għadu ħaj — ħaġa li issa serviet mill-banda l-oħra bħala tifkira l-iktar għażiża ta' Missieru stess li ħadem għal għomru kollu għall-koltipazzjoni letterarja tal-Malti. Fisser ukoll, b'enfasi l-iktar qawwija, illi huwa jqis li kull min b'mod jew ieħor, sew bi propaganda, sew amministrattivament, kemm diplomatikament, ħadem għat-tixrid u progress tal-Malti, dan jista' 'l quddiem ikun jistħoqqlu li jkun ippremjat bla ma jkun letterat qawwi. F'Monsinjur Dun Pawl Galea fisser, għalhekk, illi huwa jara waħda mill-isbaħ figuri li jistħoqqlu bir-raġun kollu l-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi", bħala wieħed mill-ewwel ħaddiema għall-koltivazzjoni tal-letteratura Maltija tal-lum, li flimkien ma' missieru kienu fetħu t-triq għat-twaqqif tal-"Għaqda" li b'riħet il-ħidma ewlenija tagħhom, imxiet hekk 'il quddiem b'dak l-is-

kop li, *mingħajr ma jagħmel deni lil ħadd, safa' ta' ġid kbir u mistħoqq lill-Ilsien Malti, bħala "Ilsien il-Poplu Malti"*.

Is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, għalaq id-diskors tiegħu billi fil-waqt li fisser it-tama tiegħu li għal okkażjoni oħra jkun ħuh Gino stess f'dik is-sala li jitkellem bħala Fundatur tal-Premju, feraħ personalment lill-Monsinjur Dun Pawl Galea f'isem ħuh Gino kif ukoll f'isem il-familja Muscat Azzopardi.

Fl-aħħar qam iwieġeb il-Monsinjur Dun Pawl Galea, fejn fisser il-ferħ kbir tiegħu meta waslitu l-aħbar li hu dis-sena kien ir-rebbieħ tal-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi" — dal-ferħ wisq iżjed iħossu, kif stqarr hu, għal-Ilsien Malti u għal Malta milli għalih innifsu. L-imħabba kbira li minn dejjem kellu għall-Malti huwa wettaqha sew bil-ħidma għall-koltivazzjoni letterarja tal-Malti, meta huwa kien ħabrek, bis-saħħa tal-ġurnal "Il-Habib", biex il-Malti jibda jinkiteb b'kitba xierqa, kemm ukoll bil-pinna huwa stess meta flimkien ma' kittieba oħra kien għen mhux ftit biex isaħħaħ il-Malti b'ortografija uniformi u b'letteratura hekk sabiħa sew ta' proża kemm ta' poeżija li fi ftit snin dejjem żdiedet fost il-ħafna kittieba li minn dak iż-żmien nibtu u kibru, wara l-eżempju tiegħu stess, u ta' kittieba oħra bħalma kienu għall-ewwel, — imħajrin minnu u minn sieħbu Ġużè Muscat Azzopardi, — il-Poeta Nazzjonali Dun Karm u Cuschieri. Huwa ma naqasx, meta sata' bis-saħħa tal-pożizzjoni tiegħu li kellu darba, fis-Senat tal-Parlament Malti, li jħeġġeġ il-Gvern ta' dak iż-żmien, għalkemm ma rnexxilux, biex jixterdu kotba Maltin fl-iskejjel. Fl-aħħarnett Monsinjur Galea għalaq it-taħdita tiegħu billi irringrazzja lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur talli għogħbu jiddekorah bil-Medalja, u lil dawk kollha li għoġobhom jagħtuh il-ġieh u l-pjaċir bil-preżenza tagħhom, fosthom, lill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Metropolita Monsinjur Gonzi.

Hawn taħt inġibu d-diskorsi kollha li saru f'din iċ-ċerimonja bħala tifkira u dokument għażiż ta' din l-okkażjoni hekk speċjali li fiha l-"Għaqda" kellha l-ġieh u l-pjaċir tieħu sehem biex tiġi ippremjata waħda mill-iktar persuni għeżież li kienet minn ta' l-ewwel li ħadmet għall-waqfien tagħha u li tagħha, minn mindu nħolqot, kienet u għadha sal-lum, President Onorarju.

## Diskors tal-Prof. SERAFIN M. ZARB, O.P., S.Th.M., S.Script.D., Dekan tal-Fakultà Anzjana ta' l-Università Rjali

HUWA ġieħ u privileġġ kbir tiegħi illi dal-għodu hawnhekk jiena nnqa' lilkom ilkoll għal din iċ-ċerimonja solenni li fiha sa tingħata l-Medalja tad-Deheb ta' "Ġużè Muscat Azzopardi" lill-Wisq Reverendu Monsinjur Dun Pawl Galea.

Billi l-Viċi Kanċellier u r-Rettur Manjifiku huwa indispost, jiddispjaċih li ma jistax ikun hawn f'din l-okkażjoni memorabbli u din hija r-raġuni illi għaliha d-Dekan tal-Fakultà Anzjana ta' din l-Università Rjali ġie mitlub sabiex minfloku jilqa' lilkom dal-għodu.

L-Università Rjali ta' Malta, dan il-post tal-għerf, illi għal madwar tliet mitt sena tat lil din il-Gżira għażiża ta' Malta eżerċtu ta' nies kbar, tħossha mkabbra biha nnifisha li l-lum qiegħda tieħu sehem f'din iċ-ċerimonja u li din iċ-ċerimonja qiegħda ssir fi ħdanha — ċerimonja li fiha huma magħrufa, imwettqa u mfaħħra l-merti hekk kbar ta' bosta persunaġġi msemmija għall-ħidma u studji tagħhom.

Din hija r-raba' ċerimonja ta' din ix-xorta; wara Monsinjur Dun Karm Psaila, is-Sur Anton Cremona, u t-Tabib Ġużè Galea, li għadu kif laħaq Tabib Prinċipali tal-Gvern, il-lum mess lil persunaġġ ieħor distint li hu l-Monsinjur Dun Pawl Galea, li għalih qiegħda ssir iċ-ċerimonja ta' din id-darba.

Ma għandix bżonn ngħidilkom minn qabel dak li oraturi oħra sa jgħidulkom bi kliem iżjed mirqum minn tiegħi dwar il-merti ta' Dun Pawl, li barra milli kien ħabib personali tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, kien wieħed mill-kollaboraturi kbar tiegħu fit-tixrid tal-Lsien Malti, b'mod partikulari ta' "Il-Habib", l-organu ta' l-"Unione Cattolica".

Jien, għalhekk, nagħlaq dawn l-erba' kelmiet tiegħi billi nagħti lill-Monsinjur Dun Pawl Galea il-ferħ ta' din l-Università Rjali għall-ġieħ li hu stħoqqlu tassew u billi nirringrazzja lilkom ilkoll li ġejtu biex tieħdu sehem f'din iċ-ċerimonja kbira u ta' importanza hekk għolja.

## Diskors tal-Kav. Dr. ĠUŻE' GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H.

### President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"

IL-LUM aħna nġbarna hawn mhux biss biex nagħtu ġieħ lil kittieb magħruf Malti, iżda wkoll lil ċittadin għaqli li għal aktar minn nofs seklu ħabrek u tħabat għall-ġid ta' pajjiżu u għal żewġ ħwejjeġ l-aktar għeżież f'pajjiżu, jiġifieri r-Reliġjon u l-Ilsien.

Monsinjur Dun Pawl Galea ħadem wisq fi żmienu u wettaq bosta ħidmiet fis-Seminarju, fil-Kurja ta' l-Isqof u fil-Parlament Malti. Ftit wara li ħa l-quddiesa, Dun Pawl mar jissokta jistudja Ruma f'wieħed mill-kulleġġi tal-qassisin, fejn ħa b'suċċess il-Lawrja fid-Dritt Kanoniku; imbagħad, wara li raġa' lura f'Malta, laħaq Rettur tas-Seminarju. Fi żmien Mons. Galea dak il-post ta' tagħlim għall-qassisin mexa 'l quddiem u kiseb fama bħala wieħed mill-aħjar kulleġġi ta' Malta. Is-Seminaristi taħt it-treġija u d-dixxiplina tar-Rettur Galea draw jistudjaw bil-għaqal u rabbew ħrara ġdida u ġibda qawwija lejn is-Seminarju tagħhom; tant għaddew 'il quddiem fil-għerf u t-tagħlim li huma kienu joħorġu ewlenin fl-eżamijiet pubbliċi u l-biċċa l-kbira minnhom kellhom karriera ta' l-aqwa ġieh u okkupaw postijiet għolja fl-amministrazzjoni tal-Knisja jew tal-Gvern. Wieħed fost dawk l-istudenti ixxurtjati hu Monsinjur Gonzi, l-Arċisqof maħbub tagħna.

Għall-merti tiegħu Monsinjur Galea mis-Seminarju kien magħżul biex imur il-Kurja ta' l-Isqof u baqa' hemm għal żmien twil u laħaq fl-ogħla karigi tal-Kurja, saħansitra ġie li għamilha ta' "Locum Tenens" ta' l-Isqof meta dan kien isiefer.

Kemm dam il-Kurja, Monsinjur Galea mexxa kollox bil-għaqal, bir-reqqa u bil-ħaqq, żamm dixxiplina kbira u daħħal sistemi ġodda fl-amministrazzjoni, sistemi li seħħu u li għadhom mexjin sal-lum. Billi kien jokkupa kariga mill-aktar għolja fil-Kurja, Monsinjur Galea kellu x'jaqsam ma' bosta Awtoritajiet Ċivili u Militari, u hu dejjem għaraf jimxi bil-ftehim u l-ħbiberija magħhom u żamm dik l-armonija bejn iż-żewġ Awtoritajiet, Ċivili u Ekkleżjastika li għoġbot dejjem lill-poplu Malti.

Mill-Kurja għall-ħajja pubblika hemm qabża żgħira u Monsinjur Galea ma qatax qalbu meta ħtieġlu jmidd għonqu għall-ħajja parlamentari. Għall-irġulija u għas-sodizza tiegħu Dun

Pawl kien magħżul biex jirrappreżenta l-Kleru fis-Senat Malti fl-ewwel Gvern Responsabbli li kellna; il-ħatra tiegħu bħala Senatur ġrat fi żmien meta kien hawn taqlib kbir fil-pulitka ta' Malta. Il-partiti kienu ħorox għal xulxin, kien hawn għira, ġlied u tagħjir, iżda Monsinjur Galea seħħlu jaqta' dritt bla ma jmil lejn ħadd, u hekk ma nbaramx fit-tfixkil pulitku; bis-saħħa tiegħu l-Knisja sfat ħielsa mit-tweġħir pulitku u baqgħet tgawdi ġieh u qima minn kulħadd.

Għalhekk jixraq tabilħaqq li nagħtu xi premju lill-Monsinjur Galea għall-merti tiegħu u għall-ħidmiet fejjieda li wettaq. F'Malta ma għandniex premijiet nazzjonali biex nagħtuhom lil min jistħoqqlu bħalma għandhom pajjiżi oħra; l-uniku premju li għandna u li fih tifsira nazzjonali hu l-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi" li hu mwaqqaf bħala premju lil min jaħdem għall-ġid tal-Ilsien Malti b'mod partikulari, u ta' Malta kollha in ġenerali.

Oraturi oħra jgħidulna dwar il-merti letterarji ta' Monsinjur Galea bħala kittieb, iżda jien jidhirli li huwa jistħoqqlu wkoll ġieh kbir għas-sehem li kellu fit-twaqqif tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Din il-"Għaqda" ilha mat-tletin sena taħdem bla hedu għall-ġid tal-Ilsien Malti u għall-ġieh ta' Malta, u dejjem kellha suċċessi kbar; il-lum hi l-eqdem, l-aqwa u l-isħaħ fost il-għaqdiet u x-xirkiet kulturali li għandna f'din il-Gżira, magħrufa mill-Gvern, meqjuma mill-Awtoritajiet Edukattivi u miġjuba mill-poplu. Dawk il-fundaturi ta' din l-"Għaqda", biex bnewha fuq sisien hekk tajba, tassew li kienu nies ta' dehen u għaqal u jħarsu 'l quddiem; u fosthom mhux l-anqas hu Monsinjur Dun Pawl Galea.

Mindu twaqqfet il-"Għaqda", Monsinjur Galea ħadem bil-qalb kollha biex jaraha sseħħ u tgħaddi 'l quddiem u għamel minn kollox biex jiġbed lejn il-"Għaqda" nies kapaċi u magħrufin għall-għerf tagħhom u biex iħajjarhom jiktbu bil-Malti, ħalli b'hekk jisseddaq l-iskop li għalih twaqqfet il-"Għaqda". Wieħed minn dawk li tħajru jiktbu bil-Malti fuq li kien qallhom Dun Pawl, hu Monsinjur Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali tagħna.

Iżda Dun Pawl kien iħares fil-bogħod u għalhekk hu mhux biss kien iħajjar lill-kbar ħalli jiktbu bil-Malti, iżda kien jagħmel il-ħila liż-żgħar ukoll biex jinġibdu lejn il-Malti u jitgħallmu Lsien art twelidhom. Jiena kont wieħed minn dawk iż-

żgħażagħ ixxurtjati li kienu mħarrġa minn Dun Pawl biex jiktbu bil-Malti. Għadni sal-lum niftakar bil-għożża s-sigħat li kont ngħaddi meta kont student ma' Dun Pawl fl-uffiċċju li kellu fl-"Unjoni Kattolika San Ġużepp"; kellu mejda żgħira fil-gallarija u hemm kien idum żmien igħallimni u jikkorreġili xi ħaġa żgħira li kont inħarbex bil-Malti.

Fundatur ieħor tal-"Għaqda" kien il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi li biex ifakkar ismu kien imwaqqaf dan il-Premju li ser nagħtu l-lum. Il-Kavalier Muscat Azzopardi u Monsinjur Galea kienu ħbieb tal-qalb u t-tnejn kienu patrijotti kbar mixgħulin fl-imħabba lejn Ilsien art twelidhom; biex imexxu dejjem aktar il-Malti, it-tnejn ftiehmu li joħorġu dak il-ġurnal serju "Il-Ħabib", li taħt it-tmexxija tagħhom kien kiseb isem ta' ġieh fost il-poplu Malti.

Il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi u Monsinjur Galea kienu jaħdmu id f'id għax wieħed kien jaf xi jsarraf l-ieħor; bħalma għidt qabel, kienu żewġt iħbieb tal-qalb. Il-lum il-Kavalier Muscat Azzopardi ma għadux magħna, iżda kieku kienet ħaġa tista' tkun li jitkellem hu kien żgur ifaħħar din il-għażla ta' Monsinjur Dun Pawl Galea għall-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi".

---

## Diskors tas-Sur IVO MUSCAT AZZOPARDI, P.L., Delegat tal-Fundatur tal-Premju

DIN hija t-tielet darba li se nidher quddiemkom minflok ħija Gino il-Fundatur tal-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi". F'din l-okkażjoni wkoll inħossni privileġġat li jien wieħed fost il-ftit li ser jitkellmu, imma ma nistax ma nħossnix sogħbien għax kont nippreferixxi li floki jkun hawn ħija Gino u jien inkun iva fostkom imma bħala sempliċi spettatur. Hemm iżda differenza bejn iċ-ċirkustanzi ta'sentejn ilu u dawk tal-lum. Dik id-darba ħija Gino kien jinsab imsiefer u magħdur u għalhekk kelli nikteb jien dawk il-ftit kelmiet fil-waqt li din id-darba, għalkemm il-Fundatur huwa wkoll indispost u ma jistax ikun preżenti, il-lum jinsab f'Malta u għaldaqstant sata' jikteb huwa nnifsu dak li xtaq igħid u li jien se naqrahulkom kelma b'kelma. Dan li ġej immela huwa l-kliem tal-Fundatur:

Meta iben ifittex li jferraħ lil missieru ma jkunx qiegħed jagħmel ħaġ'oħra ħlief jimxi fuq waħda mil-liġijiet tan-natura. Meta missieri miet jiena kont għadni żagħżugħ u għalhekk ma stajtx nagħtih dak il-ferħ li xtaqt nagħtih biex inroddlu xi ħaġa ċkejkna għal dak kollu li huwa għamel għal ħuti u għalija; iżda dak li ma għamiltx f'ħajtu, għax ma stajtx, fittixt li nagħmlu wara mewtu. U x'sata' jferraħ aktar lil missieri kieku kien għadu ħaj milli, **f'ismu,** nippremja lil dawk li ħadmu għal ilsien art twelidu kif ħadem huwa ma' tul ħajtu kollha, f'kull qasam ta' l-Ilsien Malti u tal-ġrajja ta' Malta?

L-ewwel Premju Muscat Azzopardi ħadu Dun Karm, bħala l-poeta nazzjonali tagħna. It-tieni Premju mess lil Ninu Cremona bħala filologu li tafa' s-sisien għal min irid jitgħallem il-Malti. It-tielet ħadu Ġużè Galea li bil-kitba tiegħu u x-xogħol tiegħu żamm tħeġġeġ il-ġamra ta' l-imħabba għal ilsienna. Il-lum inqħata r-raba' Premju mhux aktar lil poeta, jew lil filologu, jew lil rumanzier, iżda lil wieħed li skond il-fehma tiegħi tistħoqqlu din il-medalja daqs it-tlieta ta' qablu.

Irrid inkun ċar u ngħidilkom ħaġa li ħadd ma jafha aħjar minni: Meta jiena ħloqt il-Premju "Muscat Azzopardi", kelli f'rasi li bih nagħti ġieh lil kull min jaħdem għall-iżvilupp ta' l-Ilsien Malti, ukoll jekk ma jkunx wild ta' dawn il-gżejjer, ukoll jekk ma jkunx letterat qawwi.

Kull min ħadem biex il-Malti jidħol fil-qasam tat-Teatru, kull min ħoloq xirkiet ġodda għat-tixrid tal-Malti fost iż-żgħażagħ, kull min daħħal il-Malti fil-Qrati tagħna, fl-amministrazzjoni tal-pajjiż, għada jew pitgħada jista' jiġi magħżul mill-Ġurija għall-Premju "Muscat Azzopardi".

Monsinjur Dun Pawl Galea ħadem għall-Malti b'saħħtu u b'qalbu kollha: hu fittex li jgħin il-moviment tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" sew kull meta kien mitlub u sewwa minn rajh. Huwa rsista sabiex il-Malti jieħu postu kull fejn kien jixraqlu, kien jistħoqqlu u kien ħaqqu.

Mons. Dun Pawl Galea ħadem id f'id ma' missieri fil-ġnejna li, aktar minn tletin sena ilu, kienu ħadu taħt idejhom, flimkien ma' oħrajn, u fost dawn ma rridx ninsa nsemmi lil Ninu Cremona u lil Saver Caruana. F'din il-ġnejna mħarbta ħawlu flimkien xtieli ċkejkna li l-lum saru siġar sbieħ u taw il-frott bnin tagħhom.

Missieri miet 24 sena ilu u għalkemm personalment gawda, sew bħala rumanzier meta għolla l-isem tal-qalbenin Maltin u tahom isem fl-istorja u dak il-post u l-ġieħ li kien jistħoqqilhom, u sew bħala poeta meta wara li xabba' lill-poplu b'għanjiet popolari beda jimraħ fi sferi għolja u l-ħsibijiet tiegħu għolew u laħqu kull forma ta' vrus u ta' suġġetti, b'danakollu, iżda, ma laħaqx ra l-frott tax-xogħol tiegħu bħala mexxej ta' dik il-Għaqda li wara li skartat kull influwenza politika, baqgħet miexja bil-kalma u bid-dehen kollu lejn dak il-għan li mingħajr ma jagħmel deni lil ħadd, safa' ta' ġid kbir u mistħoqq lill-Ilsien Malti bħala "Ilsien il-Poplu Malti".

Dak il-frott, iżda, li ma laħaqx daqu missieri, sieħbu Dun Pawl Galea daqu. Dun Pawl Galea, il-lum Monsinjur Galea, għadu hawn fostna, mimli bil-għomor, kburi li jġib fuq sidru medalja tad-deheb li fiha jinsab minqux isem il-ħabib tiegħu: Ġużè Muscat Azzopardi.

Hawn jintemm id-diskors tal-Fundatur u jien ser inżid dawn il-kelmtejn: Nixtieq b'qalbi u b'ruħi kollha — u naħseb li intom taħsbuha bħali — li għal okkażjoni oħra ħija Gino jkun huwa nnifsu f'din is-sala. U lilek, maħbub Dun Pawl, f'isem ħija Gino u f'isem il-familja Muscat Azzopardi nifraħlek b'qalbi kollha.

---

## Diskors ta' Mons. Kant. Dun PAWL GALEA, J.C.D., Rebbieħ tal-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi"

META waslitli l-bxara li kont jien li ġejt dis-sena maħtur mill-"Ġurija tal-Medalja" għall-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi", jien fraħt, ma nidħdux, u fraħt, mhux kemm għalija, daqs kemm għal Malta u l-Ilsien Malti, li jien inħobb u ngħożż b'qalbi kollha u li biħom jiena mhux ftit imkabbar.

U għaliex inħobb u ngħożż lil Malta u jiena mkabbar biha? Għaliex jien wild Malta u għax, għalkemm Malta ċkejkna ħafna fil-koċċ, li trid, biex ingħid hekk, tinqeda b'lenti biex issibha fuq il-mappa, iżda hi kbira u għolja bil-bosta minħabba fil-ġrajjiet tagħha tal-għaġeb u tal-għira. Biżżejjed li nsemmu li hi ħelset darbtejn lill-Ewropa, l-ewwel darba mill-jasar ta' l-Iżlamiżmu, u dan b'saħħet il-qagħda tagħha fid-dinja, li Alla għoġbu jaħtrilha,

u b'saħħet il-qlubija ta' niesha. U għalhekk, għax inħobb u ngħożż lil Malta, nifraħ meta nara 'l uliedha mweġġha, għax il-ġieh tagħhom jaqa' fl-aħħar fuqha u jkabbrilha ġiehha, l-aktar imbagħad, jekk dak isir minħabba f'xogħol ta' kitba ta' siwi, għax il-*kultura letterarja* hija l-għajn ewlenija taċ-*ċivilizzazzjoni tal-ġens*.

Inħobb ukoll u ngħożż l-Ilsien Malti, għax jekk ma nħobbx l-Ilsien Malti, ma nħobb lanqas lil Malta, għax, kif igħid il-qawl Malti: "Min ibarri lsienu jbarri 'l ġensu". U għax inħobb il-Lsien Malti ma naqbel xejn ma' dawk l-irġiel, u aktar nisa Maltin, li bla ebda ħtieġa, jitħaddtu bejniethom b'ilsien barrani. U miskin int jekk twiddibhom, għax igħajruk li inti għadek lura! Jaħasra kemm sejra mqarrqa dil-qatgħa ta' nies! Iħosshom jistħu mill-Ilsien Malti, għax dgħajjef u baxx, hekk li jidhrilhom li meta jitkellmu bih jiċċekknu u jsiru qishom Għarab, waqt li meta jitħaddtu bejniethom b'ilsien barrani, jintrefgħu u jogħlew 'il fuq. Qerq fuq qerq. Dak li minnu hu kollu l-maqlub ta' dak li jaħsbu u jqasqsu. U araw kemm hu hekk. Il-lsien Malti hu għani fuq li għani. Hu għandu l-kliem kollu biex ifisser il-ħsibijiet kollha tal-moħħ, bla ma jeħtieġlu jissellef, bħal xi lsien ieħor, minn ilsna barranin. L-Ilsien Malti hu wkoll għoli, *nobbli*, kif igħid it-Taljan. U biex inwettaq dan, hu biżżejjed dak li sa ngħid. Il-kliem li qal Ġesù Kristu u li hu miġjub fil-Kotba Mqaddsa kif lissnu Hu, mhux biss għandu mill-Malti u jixbhu, imma hu Malti għal kollox. Meta Hu ta d-dawl lill-agħma minn twelidu Hu qal: *Effetah* (ephphetah); meta qajjem mill-mewt lil bint Ġajro qalilha: *Qumi*; meta minn fuq is-salib talab lil Missieru, qallu: *Eli* (Alla tiegħi), *Eli* (Alla tiegħi), *lama* (lala) *sebaqtani* (tlaqtni) kif ukoll dil-kelma tfisser bil-Malti. Imbagħad għandna l-wiċċ inkasbru 'l-ilsien Malti u nistħu minnu!

Għax inħobb il-lsien Malti ma naqbel xejn lanqas ma' dawk ir-rġiel, u l-aktar nisa, li, mindu jisbaħ sa jidlam, jitħaddtu dejjem ma' wliedhom żgħar, subien u bniet, bl-Ingliż u darba fil bil-Malti. Sa hawn kieku m'hemm xejn ħażin, għax inisslulhom f'qalbhom minn ċkunithom l-imħabba lejn dak l-ilsien, u, hekk 'il quddiem, meta jitfarfru, jinxteħtu bil-ħeġġa biex jitgħallmuh, u jkun jista' jisfgħalhom ta' ġid kbir fil-ħajja. Il-ħażin qiegħed fli jnissuhom il-Malti, iqaċċtuhulhom minn qalbhom, u, għax kif għidna, *min ibarri lsienu jbarri 'l ġensu*, meta jikbru ma jkunux iħobbu 'l Malta, ma joħorġux *patrijotti*. Għandhom, għalhekk,

il-missirijiet u l-ommijiet ibenġlu u jżewqu l-biċċa billi jkellmu lil uliedhom ukoll bil-Malti. *In medio stat virtus*, igħid il-Latin.

Għidt li jiena nħobb l-Ilsien Malti. Iżda x'għamilt jien għalih? — Għaliex jekk l-imħabba ma tkunx imsieħba ma' għamil li jisfa' ta' ġieh jew ta' ġid lill-maħbub, tkun imħabba ta' l-isem, imħabba fiergħa. Ma rridx hawn nagħmel il-paneġirku tiegħi nnifsi, għax il-foħrija ma tagħmilx bija, iżda minkejja fija, ikolli nagħmlu biex nuri li jien għidt is-sewwa fuqi, meta għidt li jiena nħobb il-Lsien Malti, u, biex (min jaf?) inqanqal oħrajn jimxu fuq it-turija tiegħi, inkun ta' xempju għalihom fl-imħabba tal-Ilsien Malti.

Meta Malta kisbet is-*Self Government* jiena kont ġejt mill-Arċisqof Caruana, Alla jagħtih il-Ġenna, maħtur Senatur għall-Kleru. Jien inqdejt b'dil-qagħda tiegħi, u f'laqgħa tal-Parlament qomt nitkellem biex inħeġġeġ lill-Gvern ħalli jxerred it-tagħlim ta' l-Ilsien Malti u joħroġ kotba miktuba bih jekk jixtieq li l-poplu ma jibqax lura, billi bosta ftit huma dawk li jilħqu jitgħallmu xi lsien barrani, u hekk ikunu jistgħu jinqraw kotba miktuba bih u jiksbu minnhom it-tagħlim meħtieġ. Iżda baqa' f'wiċċi, għaliex dawk li kienu jgħaqqdu l-ħakma mhux l-Ilsien Malti kienu jridu jgħaddu 'l quddiem.

Il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi u jien konna fil-Kumitat tax-Xirka għall-Għajnuna ta' Xulxin magħrufa bl-isem ta' *Unjoni Kattolika San Ġużepp*. Aħna webbilna lill-Kumitat biex joħroġ ġurnal tax-Xirka bil-Malti. Il-ħsieb tagħna għoġbu u l-Kumitat laqa' x-xewqa tagħna, u aħna ħriġna l-ġurnal taħt l-isem ta' "IL-HABIB" li għadu ħaj sal-lum, għakemm taħt isem ieħor, ta' "LEHEN IS-SEWWA". "IL-HABIB" kien għall-Ilsien Malti żerriegħa li nxterdet u nibtet ma' kullimkien, xrara li qabbdet il-ħuġġieġa tal-Malti. Harġu warajh ġurnali oħra bil-Malti; ħafna bdew jiktbu artikoli b'Malti mill-aħjar u jibagħtuhomlna biex inġibuhomlhom fuq "IL-HABIB", u kotru fl-idejn il-kotba għall-qari tal-mogħdija taż-żmien u tagħlim ta' siwi għal dawk li ma kinux jafu b'ebda lsien barrani.

F'"IL-HABIB" ħarġet l-ewwel poeżija bil-Malti ta' Dun Karm "Quddiem ix-xbieha tal-Madonna" li hu kiteb wara talba mħeġġa tiegħi billi kont naf kemm hu jinqala' għal dik li hi poeżija mill-kotra ta' poeżijiet, li kien kiteb qabel bit-Taljan, li għalihom ġie mxebbah lil Zanella, poeta Taljan mill-aqwa ta' żmien fil-qrib. Dik il-poeżija kienet li qabbdet lil Dun Karm it-triq li

wasslitu bil-kotra ta' poeżijiet bil-Malti li tenna jikteb għall-quċċata ta' l-ogħla sebħ, ta' Poeta Nazzjonali.

Fl-aħħarnett, iż-żmien li kien jibqagħli, wara l-qadi ta' dmirijieti, kont nagħtih kollu għall-kitba bil-Malti, bil-għan li nsaffi l-Ilsien Malti mill-kliem barrani li daħlu fih bla ħtieġa u li narġa' nagħti l-ħajja lil ħafna kliem Malti, li kien intilef jew li qiegħed biex. Mill-kitba tiegħi bil-Malti nsemmi biss il-qlib għall-Malti ta' l-ewlenin ġrajjiet (*episodi*) tar-Rumanz "I Promessi Sposi" tal-Manzoni, xogħol iebes li swieli ħafna taħbit u taħbil tal-moħħ, għax tiegħi kienet it-traduzzjoni *ad literam* kif igħidu; imma għal min iħobb tassew, it-tbatija għal min iħobb ma jarahiex; ħsiebi kien biss li nwettaq dak li għidt qabel fuq il-għana tal-Lsien Malti, u li nikseb il-għan li għalih inxtħett għall-kitba bil-Malti li stqarrejtilkom issa.

Nagħlaq it-taħdita tiegħi billi nitlobkom tagħdruni jekk jien dejjaqtkom, u billi niżżiħajr b'qalbi kollha lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur talli għoġbu jippresjedi din iċ-ċerimonja u jehmiżli fuq sidri l-Medalja, lill-Eċċellenza Tiegħu Rev.ma l-Arċisqof Metropolita, lir-Rappreżentant tal-Manjifiku Rettur ta' l-Università, lill-President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Mati", lis-Sur Ġino Muscat Azzopardi, il-Fundatur tal-Medalja li għalih nitlob b'ħerqa 'l Alla li jfittex jagħtih il-fejqan u jroddlu saħħtu mill-aktar fis, u lilkom ilkoll, Onorevoli Sinjuri, talli għoġobkom tonorawni bil-preżenza tagħkom u talli b'hekk ħajjartu u għamiltu l-qalb lill-kittieba tal-Malti, ħalli jżidu jkattru bil-kitba tagħhom il-Letteratura Maltija. U biex nurikom qalbi, nixtieq lilkom ilkoll il-Festi t-Tajba għall-Milied u s-Sena t-Tajba għas-sena l-ġdida, msawba b'riżq u hena u barka 'l Alla. — Evviva Malta r-Rebbieħa u għażiża art twelidna! Evviva l-Ilsien Malti għani u għoli!